

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4920 — Haniel/Schmidt-Ruthenbeck/Metro)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 235/08)

1. Fil-5 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li biha l-impriżi Franz-Haniel & Cie GmbH ("Haniel", il-Ġermanja) u Gesellschafterstamm Schmidt-Ruthenbeck ("Schmidt-Ruthenbeck", il-Ġermanja) akkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Metro AG ("Metro", il-Ġermanja), permezz tat-tiġbir tad-drittijiet tal-vot.

2. L-attivitajiet tan-negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Haniel: il-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi u l-funzjonament tal-spiżeriji, negozju ta' materjali mhux irfinuti għall-industrija tal-azzar, tat-tessuti u ta' servizzi ta' tindif ta' faċilitajiet sanitarji, bejgħ lin-negozji li jsir mill-bogħod, ta' tagħmir tal-uffiċċju u tal-maħżen kif ukoll il-produzzjoni ta' materjali tal-kostruzzjoni, sistemi ta' kostruzzjoni li jużaw ġebel niexef mingħajr ġir u ta' materjali mhux irfinuti għall-industrija tal-bini,
- għal Schmidt-Ruthenbeck: lukandi għal vakanza, sistemi għall-ipproċessar tal-istampi,
- għal Metro: swieq "cash & carry" (sistema fejn ix-xerrej jixtri l-prodotti bi flus kontanti u jġorrhom huwa stess), ipermerkati u supermarkets għall-konsum ta' prodotti ta' kuljum, bejgħ bl-imnut għall-konsum ta' prodotti elettroniċi u kumplessi kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħharja dwar dan il-punt hija rriżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4920 — Haniel/Schmidt-Ruthenbeck/Metro, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussell

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.